MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2009

Appell Kriminali Numru. 331/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Galea talli fil-11 ta' Mejju 2008 ghall-habta tas-siegha u ghaxra ta' filghodu bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja ta' *substitute* tal-hanut tal-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta' "Havana" fil-parti maghrufa bhala Cabana li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, ippermetta tfal taht is-sittax-il (16) sena biex jidhlu fil-post imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Ottubru 2008 li permezz

taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolament 28 ta’ l-Avviz Legali 392/29, fuq ammissjoni sabet lill-imsemmi Joseph Galea hati u kkundannatu *ammenda* ta’ hamsa u tletin euro (€35.00);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-Avukat Generali pprezentat fil-14 ta’ Novembru 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellat hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontrih, (2) tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Joseph Galea ghal hamsa u tletin euro (€35.00) u (3) minflok tinfliggi kontra tieghu l-piena skont il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu illi l-piena li applikat l-ewwel Qorti ma kinitx fix-xorta jew kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reat li fuqu l-appellat (allura imputat) gie kkundannat. Jirreferi ghar-regolamenti 6(4) u 15(1) ta’ l-Avviz Legali 124/1995 u jitlob li l-appellat “jehel piena ta’ multa ta’ mitt lira ghal kull persuna taht l-eta`”.

Pero` ghalkemm fir-rikors ta’ appell tieghu l-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-Avviz Legali 124/1995, l-ewwel Qorti ndikat li kienet qed issib htija skont l-Avviz Legali 392/1929. Ghalhekk irid l-ewwel jigi determinat liema minn dawn iz-zewg Avvizi Legali hu applikabbli ghar-reat li dwaru l-appellat instab hati, cioe` li ppermetta tfal taht is-sittax-il sena jidhlu fil-hanut ta’ l-inbid, birra u xorb spirituz bl-isem ta’ “Havana” fil-parti maghrufa bhala Cabana fi Triq San Gorg, San Giljan.

L-ewwel Qorti sabet responsabbilta` fl-appellat skond “ir-regolament 18 ta’ l-Avviz Legali 392/29”. Minn ezami tad-dicitura ta’ l-imputazzjoni, ghalkemm din titkellem dwar l-appellat bhala “persuna li f’ismek ghandek l-licenzja ta’

*substitute* tal-hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz" u ghalhekk tali dicitura tixbah aktar dik fin-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 (ghalkemm l-anqas precizament hekk peress illi tali Notifikazzjoni titkellem dwar "likuri spirituzi" u mhux "xorb spirituz"), huwa evidenti illi l-appellat ma giex akkuzata bi ksur tar-regolament 18 ta' dik in-Notifikazzjoni tal-Gvern izda bi ksur tar-regolament 6(1) ta' l-Avviz Legali 124 tas-sena 1995. Difatti r-regolament 18 tan-Notifikazzjoni tal-Gvern 392/1929 jirreferi ghal "bar jew lok iehor fejn ikun hemm impjegati nisa jew artisti", li mhux il-kaz odjern peress illi l-fond in kwistjoni gie deskritt biss fl-imputazzjoni bhala "hanut ta' l-inbid, birra u xorb spirituz". Dan ifisser li l-ewwel Qorti ccitat ligi hazina.

Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat. "**

L-ewwel Qorti ccitat l-artikolu, ossia f'dan il-kaz regolament, u ligi hazina u ghalhekk is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta' sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla u din il-Qorti sejra tiddeciedi l-kaz f'dar-rigward mill-gdid.

Il-ligi applikabbli huwa l-Avviz Legali 124/1995. F'dan il-kaz jirrizulta li l-imputazzjoni giet ammessa mill-appellat quddiem l-ewwel Qorti. Pero` ma jirrizultax mill-atti kemm kienu l-persuni taht is-sittax-il sena li kienu fil-fond imsemmi. Ghalhekk il-piena trid tkun dik applikabbli fejn ikun hemm persuna wahda, u cioe`, bhalma talab l-Avukat Generali, Lm100 ossia llum 233 euro.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla u minflok tittratta ma' l-appellat mill-gdid billi, fuq ammissjoni, issibu hati ta' l-imputazzjoni dedotta u, wara li rat ir-regolamenti 6(1)(5) ta' l-Avviz Legali 124/95,

tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitejn u tlieta u tletin euro (€233).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------